# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Referenza Kostituzzjonali Nru.: 8/2019 MH**

**Illum, 15 ta' Novembru, 2019**

**Mark Formosa (K.I. 0327891M)**

**vs**

1. **Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex f'isem u għan-nom tal-istess Ministeru;**
2. **Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat **id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali) tat-18 ta' Jannar 2019** fil-kawża Rik Nru 8/2018PC fl-ismijiet premessi permezz ta' liema saret referenza kostituzzjonali quddiem din il-Qorti wara li ngħad hekk –

*"L-attur b'referenza għall-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti stante li bbażata fuq l-Art. 460 tal-Kap. 12, jirrileva li dan l-artikolu huwa lesiv għad-drittijiet fondamentali tiegħu, senjatament l-Art. 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Art. 39 (1) tal-Kostituzzjoni peress illi din ma tirrispettax il-prinċipju ta' equality of arms u tnaqqas l-aċċess tal-attur għall-qorti. Fid-dawl ta' dan jitlob li ssir referenza kostituzzjonali ai termini ta-Art. 46 tal-Kostituzzjoni sabiex il-Prim Awla sede Kostituzzjonali, wara li tinvestiga dan il-punt tikkonkludi dwar il-validita' tal-istess artikolu.*

***Il-Qorti b'referenza għat-talba tal-attur magħmula seduta stante llum stess u peress li tħoss li din it-talba mhix frivola u vessatorja, billi jista' jagħti l-każ illi l-art. 460 tal-Kap. 12 jagħti żvantaġġ lill-attur f'kawża li jista' jkollu kontra l-gvern u allura jista' jagħti l-każ illi hemm ksur tal-art 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tagħmel referenza Kostituzzjonali lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili sabiex din tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni.***

*Tordna lir-Reġistratur tagħha sabiex dan id-digriet jigi trasmess lir-Reġistratur tal-Qorti ta' Malta sabiex din ir-referenza tiġi trattata u deċiża skont il-liġi."*

Rat illi għal din ir-referenza kostituzzjonali ġiet intavolata **risposta mill-Avukat Ġenerali fit-3 t'April 2019**[1] li permezz tagħha ressaq dawn l-eċċezzjonijiet –

*1. "Illi r-referenza kostituzzjonali tirrigwarda l-artikolu 460 tal-Kap 12 li jgħid li ma jistgħux jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern jew kontra persuna b`kariga pubblika fil-kwalita` uffiċjali tagħha, qabel ma jgħaddu għaxart ijiem minn notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra. Din l-*

[1] Fol 50 et seq

*Onorabbli Qorti ġiet mitluba sabiex twieġeb dwar jekk dan l-artikolu jiksirx il-jedd għal smigħ xieraq kif imħares mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*2. Illi tajjeb li jingħad ukoll li din il-kwistjoni tqajjmet għaliex fil-kawża numru 8/2018PC quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) il-konvenuti f`dik il-kawża eċċepew n-nullità tar-rikors ġuramentat imressaq mir-rikorrenti stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ* ***ad validitatem*** *a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12. Dwar din l-eċċezzjoni għad m`hemmx deċiżjoni mill-Qorti referenti u għalhekk m`għandniex deċiżjoni defittiva dwar jekk effettivament l-artikolu 460 ġiex osservat jew le. Għalhekk it-talba għar-referenza saret b`mod prematur.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jibda biex jissottometti illi l-Artikolu 39 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi sabiex jiġi garantit id-dritt għal smiegħ xieraq, is-smiegħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi. L-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni jmur oltre` meta jipprovdi li s-smiegħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-liġi.*

*4. Illi l-esponenti jirrilevaw ukoll li l-jedd ta' smigħ xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-ġeneralita` tal-każijiet, jidħol fi kwistjonijiet dwar (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien inġustifikat waqt is-smigħ tal-kawża, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' aċċess lill-qrati, (iv) meta s-smigħ jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawża, (v) meta ma jkunx*

*hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawża, (vi) meta parti ma tingħatax id-dritt li tinstema' (audi alterem partem) u/jew li tressaq il-każ tagħha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tingħata mingħajr motivazzjoni.*

*5. Illi l-prinċipju ta` l-equality of arms li jissemma fir-referenza huwa wieħed mill-elementi tal-kunċett ta` smigħ xieraq li jirrikjedi li l-partijiet jinghataw opportunita` raġonevoli sabiex jippreżentaw l-każ taghhom u dan taħt kundizzjonijiet li ma jpoġġuhomx f`xi żvantagg sostanzjali fil-konfront tal-kontro-parti. Din hija l-interpretazzjoni ta` equality of arms li tagħti l-Qorti ta` Strasburgu fil-kawżi li jigu quddiemha fuq dan il-punt ara Kress vs. France. Bid-dovut rispett ma giex imfisser kif dan il-prinċipju allegatament ma ġiex rispettat fil-kawża in kwistjoni.*

*Illi l-artikolu 460 tal-Kap 12 huwa parti integrali mis-sistema legali u proċedurali ta` pajjiżna li jimponi tassattivament l-obbligu li ebda att gudizzjarju, fosthom wiehed bhar-rikors ġuramentat tal-attur, ma jista' jiġi ppreżentat ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif hemm imsemmi fil-liġi stess, ta' ittra uffiċċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod car. Kif ser jiġi spjegat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawza, l-interpretazzjoni li taw il-Qrati tagħna hu li dan l-artikolu jirrigwarda privileġġ proċedurali li huwa ta` ordni pubbliku u li l-persuni li favurihom japplika ma jistghux jirrinunzjaw ghaliħ jew ma jinsistux iżjed dwaru u dan minbarra li sahansitra jista jitqajjem ex officio mill-Qorti.*

*6. L-esponent ma jarax kif il-jedd ta` smigħ xieraq huwa miksur bit-thaddim tal-artikolu 460 tal-Kap 12 anke għaliex hawn hekk m`għandniex sitwazzjoni fejn li r-rikorrent gie b`xi mod imċaħħad milli jressaq xi provi b`tali mod li wieħed jista jikkonkludi li ma għandux smigħ xieraq. Ir-rikorrenti kellu u għad*

*għandhu l-istess opportunita` sabiex jippreżenta l-kaz tiegħu, li jressaq il-provi, jagħmel kontro-ezamijiet u sottomissjonijiet u għandu aċċess ugwali ghal-istess informazzjoni fil-proċess. Kien jispetta lir-rikorrenti jara li id-dispost tal-artikolu 460 jigi osservat galadarba huwa ben konsapevoli tal-konsegwenzi jekk tali artikolu ma jiġix osservat. M`huwiex desiderabbli li kull darba li parti f`kawża ma tosservax il-proċedura tal-liġi, tispiċċa tallega ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Ir-rikorrent m`għandux jiġi ippremjat ghax ma osservax il-liġi. Ir-rikorrenti aċċess ghal-Qrati għandu tant mhux biss fetaħ il-kawża ċivili iżda wkoll talab li ssir referenza liema referenza ġiet aċċettata mill-Qorti referenti.*

7. *Għalhekk m`hemm l-ebda lezjoni tal-artikoli msemmija.*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

9. *Bl-ispejjeż.*

Rat illi **waqt is-seduta tal-10 t'April 2019**[2] il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx provi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-istess partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

---

[2] Fol 56

**Ikkunsidrat:**

L-isfond ta' din ir-referenza kostituzzjonali huma l-proċeduri ċivili Rik Ġur 8/2018PC li ġew intavolati mill-attur permezz ta' **rikors ġuramentat fl-24 ta' Jannar 2018** li fih ippremetta -

*"1. Illi permezz ta' ittra datata 27 ta' Lulju 2017 mibgħuta mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru intimat, s-Sur John Borg, ir-rikorrenti ġie nfurmat li huwa ġie sospiż mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu b' effett immedjat ai termini tar-Regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina u dana peress li skond l-istess Segretarju Permanenti huwa kien jinsab infurmat li r-rikorrenti kien qiegħed jiġi investigat mill-Pulizija. Ir-rikorrenti ġie ukoll infurmat li matul il-perjodu tas-sospensjoni tiegħu huwa għandu jirċievi nofs is-salarju tieghu.*

*2. Illi din is-sospensjoni ġiet ikkonfermata mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u sussegwentement fuq rakkomandazzjoni tat-3 ta' Awwissu 2017 tal-istess Kummissjoni ġiet iffirmat mill-uffiċċju tal-Prim Ministru fl-14 u/jew fil-21 ta' Awwissu 2017.*

*3. Illi r-rikorrenti jqies il-pretensjonijiet vantati fl-ittra tas-Segretarju Permanenti sureferita bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. L-azzjoni sussegwenti meħuda fil-konfront tiegħu mill-konvenuti jew min minnhom hija llegali u qed toħloq preġudizzju rrimedjabbli kontrih fejn qed tifa' piż sproporzjonat fuqu. Ir-rikorrenti għandu familja xi jmantni kif ukoll impenji finanzjarji oħra li jrid isostni. Di piu' d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tar-rikorrenti qed tkisser ir-reputazzjoni tiegħu.*

4. *Illi d-deċiżjoni tal-konvenuti jew min minnhom tmur kontra l-prinċipju bażilari tal-preżunzjoni ta' innoċenza. Ir-rikorrenti jirribbatti bis-sħiħ kwalunkwe allegazzjonijiet li setgħu saru fil-konfront tiegħu u jqieshom bħala fiergħa.*

5. *Illi d-deċiżjonijiet tal-konvenuti jew min minnhom sureferiti hija ultra vires għaliex l-istess konvenuti jew min minnhom ma kienux awtorizzati iwettqu dik id-deċiżjoni, naqqsu li josservaw l-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji sew fit-twettiq tad-deċiżjoni tagħhom kif ukoll fid-deliberazzjoni ta' qabel dwar dak l-għemil, li jikkostitixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorita' tagħhom billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti, u dik id-deċiżjoni hija fi kwalunkwe każ kontra l-liġi.*

6. *Illi l-konvenuti jew min minnhom naqqsu ukoll mid-dmirijiet tagħhom li jemenaw mid-Direttiva 4.1 – Standards for Service of Excellence offered by the Public Administration to the Public and to Employees liema nuqqasijiet qegħdin ukoll joħolqu preġudizzju irrimedjabbli fil-konfront tar-rikorrenti.*

7. *Illi peress li jista' jirriżulta illi n-nuqqasijiet sureferiti ikkulminaw fid-deċiżjoni aħħarija tal-Prim Ministru iżda li l-esponenti sar jaf b' dan il-fatt biss wara xhieda li ingħatat riċentement fi proceduri ta' natura kostituzzjonali u għalhekk biex ikun integru jista' ukoll jeħtieġ li jiġi inkluż il-Prim Ministru fuq il-bank tal-konvenuti. Minħabba kwistjoni ta' terminu perentorju stabbilit mill-Liġi u minħabba d-dispost tal-artikolu 460 tal-Kap. 12 li jista' jagħti li japplikaw għall-proċeduri odjerni, l-esponenti jirriżerva li jitlob l-kjamat fil-kawża tal-Prim Ministru f' dawn il-proċeduri wara li jiskadi t-terminu prevvist fl-artikolu 460 tal-Kap. 12.*

*8. Illi l-esponenti jaf b' dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha issir din il-kawża.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet premessi u raġunijiet oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża:*

1. *Tiddikjara li s-sospensjoni tar-rikorrenti mill-konvenuti saret bi ksur tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fuq imsemmi għar-raġunijiet fuq imsemmija u raġunijiet oħra li jiġu elaborati u spjegati waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;*

2. *Konsegwentement tannulla u tħassar is-sospensjoni fuq imsemmija;*

3. *Konsegwentement l-attur jiġi rintegrat fl-istat li kien fih qabel ma ittieħdet din id-deċiżjoni u ċioe' fi grad, kundizzjonijiet, paga u xogħol li kien jeżerċita qabel.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni."*

**Fir-risposta ġuramentata tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex f'isem u għan-nom tal-istess Ministeru u tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tat-2 ta' Marzu 2018**[3] tressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*"Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponent hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

[3] Folio 12 et seq

***Eċċezzjonijiet preliminari***

*1. Illi in linea preliminari l-esponenti jeċċepixxu n-nullità tar-rikors guramentat stante li ma saritx id-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ* ***ad validitatem*** *a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-esponenti.*

*Illi din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi eċċepita in vista tal-fatt illi fir-rikors ġuramentat in risposta r-rikorrent qiegħed jitlob inter alia illi "jiġi rintegrat fl-istat li kien fih qabel ma ttiehdet id-deċiżjoni u ċioe' fi grad, kundizzjonijiet, paga u xogħol li kien jeżerċita qabel." L-esponent jirrileva illi din it-talba ma ssemmitx fil-protest ġudizzjarju numru 28/2017 fl-ismijiet "Mark Formosa u Michelle Xerri vs l-Avukat Ġenerali, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex u l-Ministeru għal Għawdex" u ċjoe' fil-konfront tal-esponenti illum intimati imma biss riċentament fil-protest Ġudizzarju numru 7/2018 fl-ismijiet "Mark Formosa vs. L-Onorevoli Prim'Ministru". Dan ifisser illi r-rekwiżit imsemmi fl-artikolu 460 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċjoe illi "l-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar" ma ġietx sodisfatta. Konsegwentement d-debita interpellazzjoni fil-konfront tal-esponenti illum intimati kif imsemmija hawn fuq QATT ma saret.*

*2. Illi in linea preliminari l-improponibbilita' tar-riżerva illi r-rikorrenti agħmel fil-premessa numru sebgħa (7) fir-rikors ġuramentat in risposta u ċjoe il-possibilita' li jiġi kjamat in kawża l-Onorevoli Prim'Ministru bħala ntimat fil-proċeduri odjerni stante illi d-debita' interpellazzjoni ai termini tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandha ssir QABEL ma jiġu ntavolati*

*proċeduri ġudizzjarji u mhux fl-istess ġurnata li ġie intavolat fil-protest ġudizzjarju numru 7/2018 fl-ismijiet "Mark Formosa vs. L-Onorevoli Prim'Ministru".*

*Illi jingħad illi m'hijiex aċċetabbli illi r-rikorrent jgħid illi huwa sar jaf biss bid-deċiżjoni aħħarija tal-Onorevoli Prim'Ministru tramite xhieda li instemgħu f'proċeduri ta' natura kostituzzjonali stante illi kemm l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ir-regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-2017 (Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 S.L. Const.03) jsemmu speċifikament l-funzjoni aħħarija tal-Onorevoli Prim'Ministru fir-rigward ta' azzjonijiet dixxiplinari. Għaldaqstant ignoratia legis neminem excusat għaliex il-liġi hija ċara u m'hijiex skuża illi r-rikorrenti ma kienx a konoxxenza tal-istess liġi;*

*3. Illi in linea preliminari ukoll l-esponenti jirrilevaw illi l-mertu huwa PALEŻAMENT EŻAWRIT stante illi s-sospensjoni msemmija fir-rikors ġuramentat in risposta, u ċjoe' dik effetwata permezz tal-ittra datata 27 ta' Lulju 2017 ai termini tar-regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-2017 (Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 S.L. Const.03) mibgħuta mill-esponent Segretarju Permanenti tal-Ministeru għal Għawdex lir-rikorrent kif ukoll ikkonfermata mill-Onorevoli Prim'Ministru fil-21 ta' Awissu 2017 fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2017* ***ġiet mneħħija fis-17 ta' Jannar 2018 mill-Onorevoli Prim'Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-esponent Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tal-11 ta' Jannar 2018 u kkomunikata lir-rikorrent mill-esponent Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fit-18 ta' Jannar 2018;***

*Illi preżentament u ċjoe b'effett mid-19 ta' Jannar 2018 ir-rikorrenti qiegħed iwettaq id-dmirijiet tiegħu fil-Kulleġġ ta' Għawdex li jaqa' taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol, fejn qiegħed jirċievi l-istess Salarju, allowances u benefiċċji oħra illi huwa intitolat għalihom skont il-kuntratt tiegħu fil-pożizzjoni ta'dirrettur;*

*4. Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-trasferiment tar-rikorrenti mill-kariga tiegħu fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex għal pożizzjoni tiegħu odjerna fi ħdan il-Kulleġġ ta' Għawdex ma taqax taħt id-definizzjoni ta' egħmil amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A (2) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta stante illi egħmil amministrattiv "ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità";*

*5. L-esponenti jeċepixxu illi din l-azzjoni hija improponibbli stante illi dak mitlub imur kontra d-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Din l-Onorabbli Qorti ma tistax tilqa' t-talba kif proposta mir-rikorrent u ċioe' ma tistax teżamina ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku tat-3 ta' Awissu 2017 u dan peress illi l-Qrati kollha inkluż din l-Onorabbli Qorti huma preklużi mill-Kostituzzjoni ta' Malta milli jiddeċiedu dwar dan. Din l-eċċezzjoni qed tingħata fid-dawl ta' dak li jistipulaw l-Artikolu 110 kif ukoll l-artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

***<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>***

*1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;*

*2. Illi l-esponenti jeċepixxu illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrent qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost is-sospensjoni msemmija fir-rikors ġuramentat in risposta hija regolata mill-Public Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 (S.L. Const 03). Illi tali sospensjoni kienet waħda leġittima u li saret skond ir-regolament 13(4) tal-istess Regolamenti u dan bħala miżura kawtelatorja in vista tal-fatt li hemm inkjesta maġisterjali pendenti fil-konfront tar-rikorrent. Għaldaqstant l-allegazzjoni tar-rikorrent illi s-sospensjoni saret b'mod illegali hija fiergħa u nfondata;*

*4. Illi s-sospensjoni surreferita ġiet imneħħija formalment fis-17 ta' Jannar 2018 minn Onorevoli Prim'Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-esponent Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku tal-11 ta' Jannar 2018 u kkomunikata lir-rikorrent mill-Kap tad-Dipartiment l-esponent Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fit-18 ta' Jannar 2018;*

*5. Illi l-esponent Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex bħala Kap tad-Dipartiment kkonċernat għandu l-obbligu li jottempra ruħu mar-Regolamenti tad-dixxiplina u dan sabiex jiggarantixxi Standard għoli u fiduċja fis-servizz pubbliku u jassigura li ma jiġux preġudikati jew intralċjati l-investigazzjonijiet ordnati mill-Qorti;*

*6. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent illi d-deċiżjonijiet tal-esponenti huma ultra vires ma treġġix għas-sempliċi fatt illi r-Regolament 13 (4) tal-Public*

*Service Commission Disciplinary Regulations, 2017 (S.L. Const 03) speċifikament tiddelineja il-parametri tad-drittijiet u obbligi tal-esponenti:*

*"(4) Meta l-Kap ta' Dipartiment ikun irrakkomanda lill-Kummissjoni li l-uffiċjal għandu jiġi sospiż għal raġunijiet ta' prekawzjoni, huwa jista' jissospendi lill-uffiċjal mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu sakemm tasal id-deċiżjoni tal-Prim Ministru li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni."*

*Illi d-deċiżjoni aħħarija tispetta lill-Onorevoli Prim'Ministru meħuda fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dan ai termini tal-artikolu 110 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:*

*"110.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku";*

*Illi għaldaqstant id-deċiżjoni u rakkomandazzjoni affermati mill-esponenti ġew meħuda kollha entro il-parametri tal-liġi;*

*7. Illi kif ġja ingħad, is-sospensjoni imsemmija llum m'għandhiex in vigore u r-rikorrent qiegħed iwettaq id-dmirijiet tiegħu fil-Kulleġġ ta' Għawdex, fejn qiegħed jirċievi l-istess Salarju, allowances u benefiċċji oħra illi huwa intitolat għalihom skont il-kuntratt tiegħu fil-pożizzjoni ta' direttur. Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti kif imfissra fir-rikors ġuramentat in risposta qatt ma jistgħu jiġu akkolti stante illi s-sospensjoni m'għadiex in vigore u konsegwentament m'hemm xejn li jista' jiġi annullat u imħassar. L-istess*

*jingħad għat-talba ta' reintegrazzjoni tar-rikorrent stante illi r-rikorrent ġja ġie reintegrat fil-kundizzjonijiet kollha fil-posizzjoni tiegħu ta' direttur;*

*8. Illi r-rikorrent ġja qajjem l-istess ilmenti li qiegħed iqajjem fir-rikors ġuramentat in risposta fi proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Mark Formosa vs l-Avukat Ġenerali" rikors kostituzzjonali 85/2017JPG. DAWN L-ILMENTI ĠJA ĠEW INDIRIZZATI MILL-QORTI. Għaldaqstant jingħad illi ma jistgħax ir-rikorrent f'dan l-istadju jerġa' jqajjem l-istess ilmenti quddiem dina l-Onorabbli il-Qorti.*

*9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent."*

Bħala fatti mill-atti tal-proċeduri ċivili jirriżulta li –

1. **Fis-27 ta' Lulju 2017** l-attur Mark Formosa ġie nfurmat mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex permezz ta' ittra li huwa kien ġie sospiż mill-eżerċizzju tas-setgħat u tal-funzjonijiet tal-kariga tiegħu b'effett immedjat ai termini tar-Regolament 13 (4) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina stante investigazzjoni li kienet għaddejja fil-konfront tiegħu mill-korp tal-pulizija;

2. Fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku datata **3 ta' Awwissu 2017**, din is-sospensjoni ġiet ikkonfermata u iffirmat mill-uffiċċju tal-Prim Ministru fl-**14 jew fil-21 ta' Awwissu 2017**;

3. Fil-**21 t'Awissu 2017**[4] Mark Formosa flimkien ma' persuna oħra ntavola protest ġudizzjarju numru 28/17 kontra l-Avukat Ġenerali, il-Kummissjoni dwar

[4] Fol 21

is-Servizz Pubbliku, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex u l-Ministeru għal Għawdex fejn huwa allega fost affarijiet oħra li l-azzjoni meħuda fil-konfront tiegħu kienet illegali u qed toħloqlu preġudizzju rrimedjabbli għax qed titfa' piż sproporzjonat fuqu. Huwa allega wkoll li d-deċiżjoni tas-Segretarju Permanenti hija *ultra vires* tilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikoli 3, 6 u 7 tal-Konvenzjoni. Huwa ddikjara li qiegħed jintavola dan il-protest a tenur tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u nterpella lill-protestati sabiex jiddeżistu minnufih mill-allegat aġir abbużiv u llegali tagħhom;

4. Fis-**6 ta' Settembru 2017**[5] ġie ntavolat kontro-protest mill-Avukat Ġenerali u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku filwaqt li l-għada **7 ta' Settembru 2017**[6] ġie ntavolat kontro-protest konġunt tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex u tal-Ministeru għal Għawdex. Fiż-żewġ atti msemmija l-protestati rrespinġew l-allegazzjonijiet vantati mill-protestant u ddiffidewh milli jieħu proċeduri oħra kontra tagħhom;

5. Fl-**24 ta' Jannar 2018** l-attur Mark Formosa ntavola l-kawża Rik 8/2018PC fl-ismijiet premessi. L-azzjoni hija bażata fuq stħarriġ ġudizzjarju tal-att amministrattiv li jirrigwarda s-sospensjoni tal-attur mill-eżerċizzju tas-setgħat u l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Il-konvenuti qajmu diversi eċċezzjonijiet fosthom l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom dwar in-nullita' tar-rikors ġuramentat Rik 8/18PC. Il-kuntest ta' din l-eċċezzjoni hija li fil-fehma tal-konvenuti, hemm nieqsa d-debita interpellazzjoni hekk kif meħtieġ *ad validitatem* a tenur tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tagħhom peress li filwaqt li fir-rikors ġuramentat 8/2018PC l-attur kien qiegħed jitlob

[5] Fol 27
[6] Fol 25

*inter alia* illi "*jiġi rintegrat fl-istat li kien fih qabel ma ttiehdet id-deċiżjoni u ċioe' fi grad, kundizzjonijiet, paga u xogħol li kien jeżerċita qabel*", din it-talba ma ssemmietx fil-protest ġudizzjarju numru 28/2017 fl-ismijiet *Mark Formosa et vs l-Avukat Ġenerali, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex u l-Ministeru għal Għawdex* u ċjoe' fil-konfront tal-konvenuti fil-kawża imma tali talba ssemmiet biss riċentament fil-protest ġudizzarju numru 7/2018 fl-ismijiet *Mark Formosa vs L-Onorevoli Prim'Ministru*[7]. Skont il-konvenuti, r-rekwiżit imsemmi fl-artikolu 460 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċjoe illi *"l-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar"* ma ġietx sodisfatta u konsegwentement id-debita interpellazzjoni fil-konfront tal-konvenuti ma tistax titqies li saret;

7. Fil-proċeduri ċivili msemmija l-partijiet ingħataw l-opportunita' li jagħmlu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar din l-ewwel eċċezzjoni preliminari[8]. Kien proprju minn hemm li spuntat it-talba, li ġiet milqugħa mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), sabiex jintbagħtu l-atti lil din il-Qorti fil-vesti kostituzzjonali tagħha sabiex tindaga jekk l-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwhiex leżiv tad-drittijiet fundamentali tal-attur kif protetti bl-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni") u bl-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("il-Kostituzzjoni").

Elenkat dan l-iter proċesswali kif żviluppa sa issa, imiss li tiġi trattata r-referenza kostituzzjonali li għandha quddiemha l-Qorti.

---

[7] Dan il-protest ġudizzjarju s'issa ma ġiex preżentat in atti
[8] Seduta tat-12 t'Ottubru 2018 a fol 29

Il-kweżit li ntbagħat lilha mill-Qorti tal-Maġistrati jirrigwarda l-analiżi tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fid-dawl tal-prinċipji li jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali tal-attur kif protetti bl-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni, senjatament jekk dan l-artikolu msemmi joħloqx żvantaġġ lill-attur f'kawża kontra l-gvern in kwantu ma jirrispettax il-prinċipju tal-*equality of arms* u anke jnaqqas l-aċċess tal-attur għall-Qorti.

L-attur Mark Formosa jissottometti li l-artikolu 460 tal-Att imsemmi ma jservix għal għan leġittimu u lanqas huwa proporzjonat. Jgħid li dan l-artikolu joħloq ostaklu proċedurali li mhuwhiex ġustifikat b'dana li ndividwu jista' jiġi mċaħħad milli jfittex rimedju fil-Qorti jekk ma josservax id-dettami tiegħu.

Minn naħa tiegħu l-Avukat Ġenerali jopponi din l-allegazzjoni bħala nfondata fil-fatt u fid-dritt u jsostni li dan l-artikolu tal-liġi ma jilledix il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Huwa jsostni li l-attur mhuwiex imċaħħad mid-dritt li jressaq il-każ tiegħu bi provi, kontro-eżamijiet u sottomissjonijiet u għalhekk qiegħed jingħata smiegħ xieraq. Kien jispetta lill-attur jara li d-dispost tal-artikolu 460 jiġi osservat. Mhuwhiex konsentit skont l-intimat li persuna ma tosservax il-proċedura tal-liġi u wara tallega li nkisrulha d-drittijiet fundamentali tagħha.

Jiġi nnutat ukoll li l-Avukat Ġenerali ressaq eċċezzjoni preliminari, enumerata 2, fejn jgħid li t-talba għar-referenza kostituzzjonali saret b'mod prematur għax l-eċċezzjoni tal-konvenuti rappreżentanti tal-Gvern fil-kawża Rik 8/18 dwar in-nullita' tar-rikors ġuramentat għadha mhijiex deċiża definittivament. Għal dan il-Qorti twieġeb fl-ewwel lok li tali argument kien imissu tqajjem quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) qabel ma dik il-Qorti ddeċidiet li tilqa' t-talba għar-referenza. Din il-Qorti issa għandha quddiemha kweżit magħmul minn Qorti oħra li hija sejra twieġeb kif mitlub. Fi kwalunkwe każ pero' jiġi

sottolineat li kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni jippermettu indaġini tal-Qorti mhux biss f'ċirkustanzi fejn ikun diġa' sar jew qed isir ksur ta' drittijiet fundamentali imma anke fejn il-ksur ikun għadu ma seħħx imma x'aktarx iseħħ. Dan anke sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn ikun tard wisq biex id-drittijiet fundamentali in kwistjoni jiġu protetti jew sitwazzjonijiet fejn iċ-ċittadin ma jkunx jista' jingħatalu rimedju.

Għalhekk **it-tieni eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali sejra tiġi miċħuda**.

**L-artikolu 460 tal-Kap 12** jgħid hekk -

*"**460**. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fi l-kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx –*

*(a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew*
*(b) għal mandati ta' inibizzjoni; jew*
*(ċ) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta' atti tal-istat ċivili; jew*
*(d) għal azzjonijiet li għandhom jinstemgħu bl-urġenza;*
*(e) għal riferenzi ta' tilwimiet għall-arbitraġġ, u meta skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi għandha tiġi mħarsa proċedura partikolari, magħdud terminu jew żmien ieħor, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) m'għandhomx japplikaw u*

*l-imsemmija proċedura, magħdud kull terminu jew żmien ieħor, għandha tapplika u tiġi mħarsa minflokhom.*

*(3) Kawżi kontra l-Gvern li dwarhom ikun hemm fis-seħħ mandat ta' inibizzjoni għandhom jinstemgħu mill-Qorti b'urġenzau bi preferenza għal kawżi oħra."*

Dan l-artikolu ġie ntrodott fil-Kodiċi t'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili permezz tal-Att VII tal-1981 u ġie emendat darbtejn permezz tal-Att XXIV tal-1995 u l-Att XXXI tal-2002. Huwa ormai rikonoxxut anke fil-ġurisprudenza nostrali li dan il-privileġġ proċedurali konċess mill-leġislatur a favur il-Gvern għandu applikazzjoni tassattiva u peress li huwa meqjus ta' ordni pubbliku jista' jiġi sollevat anke mill-Qorti *ex officio*.

Fil-każ **Mario Dingli vs Kummissarju tal-Artijiet et deċiż fit-30 ta' Mejju 2017** ingħad hekk dwar dan l-artikolu–

*".....dan il-privileġġ proċedurali huwa wiehed ta` ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista` titqajjem mill-Qorti ex officio. (ara d-deċizjoni ta` din il-Qorti diversament ippreseduta tas-7 ta` Mejju 1999 fil-kawża Dominic Savio Spiteri vs Onor Prim Ministru et li kienet ikkonfermata mill-Qorti ta` l-Appell fis-27 ta` Frar 2004).*

*(....)*

*Minn qari ta` dan l-artikolu, jidher li kwalunkwe kawża li ssir kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` uffiċjali tagħha, għandha issir wara li*

*jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra dik il-persuna ta` ittra uffiċjali jew ta` protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b`mod car.*

*(.....)*

*Il-ġurisprudenza nostrana għamlet ċar illi jekk ma tkunx giet segwita l-proċedura stabbilita bl-Art 460 tal-Kap 12, l-azzjoni tkun irregolari u nulla.*

*Kawża ta` interess dwar dan il-punt, ċitata mill-perit legali, kienet dik fl-ismijiet **Samantha Grima vs Kevin Micallef et** li kienet deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta` Jannar 2012. Fil-kors ta` dik il-kawża wieħed mill-konvenuti kien eċċepixxa n-nullita` tal-azzjoni billi ma kienx osservat l-Art 460 tal-Kap 12.*

*Il-Qorti qalet hekk :-*

*Fil-kawża fl-ismijiet **V. G. Tiles Co. Limited vs Malta Industrial Parks Limited**, (Cit. Nru. 355/07FS) deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta fit-13 ta` Mejju, 2007 ingħad:*

***D3. Ġurisprudenza fuq l-artikolu 460 tal-Kap 12:***

*Kull att ġudizzjarju li jigi preżentat fir-Reġistru tal-Qorti kontra d-disposiżżjonijiet ta` l-artikolu 460 tal-Kap 12 huwa irritu u null. - Ara PA **Gauci vs Reġistratur tal-Qorti et** 1/2/90, **Dr. L. Vella et vs Ronald Grech et** 22/6/92, **Roger Sullivan noe vs Kontrollur tad-Dwana** 15/1/93, **Michael Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar et noe** 2/10/96, **Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar** 29/5/97. Fis-sentenza tal-kawża fl-ismijiet **Smash Communications Limited vs Malta Communications Authority** Prim`Awla tat-22 ta` Novembru 2007 ġie ritenut illi "l-kelma `persuna` kif użata fl-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 tinkludi wkoll persuna ġuridika".*

*Meta persuna tkun trid tistitwixxi kawża kontra l-Awtorita` ta` l-Ippjanar, qabel ma ssir iċ-ċitazzjoni l-attur irid jinforma lill-Awtorita`, permezz ta` ittra ufficjali jew protest gudizzjarju, li ghandha intenzjoni taghmel kawza. Jekk din l-ittra ma tintbagħat, a tenur tal-art 460 tal-KOPC, il-kawża tkun nulla [****Sunny Coast (Caterers) Limited vs Awtorita` ta` l-Ippjanar**** deċiża PA – Imħ R Pace fit 13 ta` Lulju, 2000.*

*Fis-sentenza tal-Prim`Awla tas-26 ta` Ġunju 2003, fl-ismijiet* ***Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et*** *il- Qorti qalet:*

*"Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti lill-Gvern f`kawżi li fihom ikun imharrek u ġie mfisser bħala regola ta` ordni pubbliku, u japplika ghal kull ghamla ta` att ġudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern... Illi l-imsemmi privileġġ, jekk ma jitħarisx, iwassal ghan-nullita` ta` l-azzjoni li tkun ittiħħdet bi ksur tieghu."*

*L-imsemmi artikolu jimponi doveri fuq ir-Registratur. Infatti fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta` April 2003 fl-ismijiet* ***Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana*** *ntqal:*

*"Huwa desumibbli mill-artikolu appena ċitat illi l-liġi tirrikjedi tassattivament il-preżentata ta` ittra ufficjali jew ta` protest. Mhux hekk biss pero` ghax l-istess dispost jissokta jgħid illi r-Registratur għandu jirrifjuta li jirċievi l-att ġudizzjarju jew dokument ieħor li jigi ppreżentat fir- Registru kontra d-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu. Fuq dan l-aħħar punt tajjeb li jingħad illi kif akkolt fil-ġurisprudenza anke f'każ illi r-Registratur ikun ippermetta l-preżentata taċ-ċitazzjoni l-istess ma tistax tissana n-nullita` imposta mil-liġi."*

*Ara wkoll sentenza Prim`Awla tal-25 ta` Jannar 1991 fl-ismijiet* ***Ines Calleja et vs Gaetano Spiteri et****.*

*Ukoll fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta` l-Appell tas-27 ta` Frar 2004 tal-kawża fuq imsemmija fl-ismijiet* **Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar** *[deċiża mill-Prim`Awla fid-29/5/97] ġie ritenut li n-nuqqas ta` osservanza tal-provvedimenti ta` l-Art. 460 tal-Kap. 12 mhux talli jġib miegħu l-piena tan-nullita` ta` l-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri, iżda jġib miegħu ukoll in-nullita ta` kull att relattiv u sussegwenti.*

*Infatti intqal :*

*"Minn eżami ta` l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 joħrog biċ-ċar li l-leġislatur ried jimponi tassattivament l-obbligu li ebda att ġudizzjarju, fosthom wieħed bħaċ-ċitazzjoni ta` l-attur, ma jista` jigi ppreżentat ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif hemm imsemmi fil-liġi stess, ta` ittra uffiċċjali jew ta` protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b`mod car... Minn eżami tal-provi mbagħad jirriżulta li fil-mument li l-attur ippreżenta ċ-ċitazzjoni in eżami - bi ksur allura ta` l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 - ħaġa bħal din ma setax jagħmilha, bil-konsegwenza li dak kollu li avvera ruħu in segwitu kien irritu u null, u bħala tali ma seta` jipproduċi ebda effett."*

*Fl-istess sens kienet id-deċizjoni ta` din il-Qorti diversament ippreseduta tal-25 ta` Frar 2016 fil-kawza Oliver Ruġġier vs Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.*

*Ingħad :-*

*Illi dwar il-konsiderazzjonijiet legali marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami, jibda biex jingħad li l-artikolu 460(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jrid li l-ebda att gudizzjarju li bih jinbeda procediment ma jista` jitressaq u ebda proċediment ma jista` jittieħed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li*

*jkollha kariga pubblika fil-kwalita` uffiċjali taghħa qabel ma jgħaddu ghaxart ijiem min-notifika b`ittra ufficjali jew protest li jfissru b`mod car il-pretensjoni jew talba lill-Gvern, awtorita` jew persuna bħal dak;*

*Illi hemm qbil li l-attur ma bagħat ebda interpellazzjoni gudizzjarja lill-Awtorita` mħarrka qabel ma fetaħ din il-kawza….*

*Illi l-Qorti tagħraf li l-ħtieġa tal-ħruġ ta` talba ġudizzjarja qabel tista` tinfetaħ kawża jew jittieħed proċediment ieħor hija regola proċedurali li tagħti privileġġ lill-Gvern, korpi u persuni msemmija f`kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika ghal kull għamla ta` att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni. Bħala tali, din ir-regola tirrappreżenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet tagħha konta l-amministrazzjoni pubblika. Hija regola iebsa li teżiġi li tingħata tifsira restrittiva biex ma toħnoqx bla bżonn l-azzjoni ġudizzjarja kontra l-awtorita` pubblika fejn din tista` tibqa` miexja `l quddiem. Jibqa` dejjem li dan il-privileġġ procedurali huwa wieħed ta` ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw ghalih jew ma jinsistux izjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista` titqajjem mill-Qorti ex ufficio. Jingħad ukoll illi min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jħares b`reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu, u li tali azzjoni titressaq kontra dik l-Awtorita` li tkun ġiet interpellata;*

*Illi minn qari xieraq ta` kliem il-liġi, jissemma x`għandu jitlob att gudizzjarju li għalih jgħodd l-artikolu 460(1). Il-liġi tgħid li f`dak l-att "il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b`mod ċar". B`dan, il-Qorti tifhem li mhux kull att ġudizzjarju jkun jgħodd bhala `twissija` lill-awtorita` pubblika għall-finijiet tal-imsemmi artikolu, iżda trid issir talba jew interpellazzjoni li tfisser sewwa x`inhu l-ilment li l-mittenti jistenna li l-awtorita` intimata tindirizza.*

*L-istess insenjament kien riaffermat fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-24 ta` Novembru 2010 fil-kawża* ***Gopinath Venugopal Jeyakrishna Moorthy et vs Chairman Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ****.*

*(.....)*

*Hemm ingħad illi n-nullita` li ġġib in-nuqqas ta` ħarsien tal-procedura li għandha ssir qabel ma jinġieb `il quddiem l-att hija waħda assoluta, u mhijiex sanabbli kontra l-imħarrkin kollha.*

*Il-Qorti qalet hekk:-*

*Illi b`konsiderazzjoni tal-aspetti legali tal-eċċezzjoni taħt eżami jibda biex jingħad li l-artikolu 460 tal-Kodiċi tal-Proċedura ċivili jrid li l-ebda att ġudizzjarju li bih jinbeda proċediment ma jista` jitressaq u ebda proċediment ma jista` jittieħed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` uffiċjali tagħha qabel ma jgħaddu għaxart ijiem min-notifika b`ittra uffiċjali jew protest li jfissru b`mod ċar il-pretensjoni jew talba lill-Gvern, awtorita` jew persuna bħal dak;*

*(....)*

*Illi hu xieraq jingħad li dan l-artikolu huwa waħda mid-dispożizzjonijiet li l-liġi tikkontempla fir-rigward ta` proċeduri ġudizzjarji li fihom ikun imdaħħal il-Gvern, korp statutorju jew korporazzjoni mwaqqfa bil-Kostituzzjoni. F`din l-għamla ta` proċeduri, l-liġi tagħti lill-Gvern ċerti privileġġi. Minħabba f`hekk, u billi dawn id-dispożizzjonijiet huma ta` natura partikolari, għandhom jitqiesu bħala eċċezzjoni għar-regoli ġenerali proċedurali u fl-istess waqt jitħaddmu fi ħdan il-qafas sħiħ ta` dak li jipprovdi l-Kodiċi tal-Proċedura;*

*Illi mill-kliem iebes tal-imsemmi artikolu 460 joħroġ ċar li mhux talli att ġudizzjarju (li mhux ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju) ma jiswiex u ma jistax jitmexxa `l quddiem kontra l-Gvern, awtorita` jew persuna pubblika, kif ingħad, iżda li lanqas biss imissu jitħalla jitressaq mir-Reġistratur tal-Qrati. Il-liġi tuża l-kliem "ippreżentat", "jittieħdu jew jinbdew" u "mitlub", li lkoll juru bid-dieher li l-ħsieb tal-leġislatur kien li l-atti mressqa bi ksur ta` dawk id-dispożizzjonijiet jintlaqtu mortalment mill-bidunett;*

*Illi f`għadd ta` sentenzi li ngħataw minn dawn il-Qrati fit-tifsir li huma taw lil dan l-artikolu, ingħad dejjem li l-azzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-morsa tal-imsemmi artikolu 460 huma dawk li jissemmew b`mod tassattiv fis-subartikolu (2) ta` dak l-artikolu. Kull azzjoni oħra li taqa` `l barra minn dawk il-każijiet speċifiċi trid ta` bilfors tgħaddi mill-għarbiel preventiv tal-interpellazzjoni ġudizzjarja u l-mogħdija ta` żmien ta` għaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita` jew persuna pubblika tkun laqgħet għandha dak l-att ġudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti ġudizzjarji ma jgħoddux għal daqshekk;*

*(....)*

*Illi l-Qorti tqis ukoll li, skond ma ngħad f`sentenzi ta` dawn il-Qrati, dan il-privileġġ proċedurali huwa wieħed ta` ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistgħu jirrinunzjaw għalih jew ma jinsistux iżjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista` titqajjem mill-Qorti ex officio;*

*Illi l-imsemmi artikolu huwa privileġġ proċedurali mogħti favur il-Gvern, korpi u persuni msemmija f`kawżi li fihom ikunu mħarrkin, liema privileġġ ġie mfisser li japplika għal kull għamla ta` att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni. L-għan għal dak l-artikolu huwa li jipprovdi l-opportunita` li jiddefendu lilhom infushom;"*

Esposti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali dwar l-effett ċivili u proċedurali tal-artikolu 460 tal-Kap 12, jeħtieġ li l-istess artikolu jiġi analizzat fil-kuntest tad-drittijiet fundamentali tal-attur indikati mill-Qorti referenti.

**L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li –

*"39. (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

**L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni** jipprovdi li -

*"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f 'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta lpubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*

Il-Qorti tfakkar fl-ewwel lok li kif jispjegaw tajjeb kemm diversi awturi kif ukoll l-istess ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi d-dritt għal smiegħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:

*"…the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, as aspects of the general right to a fair hearing, the following implied rights:*

*(a) the right of access to the courts*

*(b) the right to be present to an adversarial hearing*

*(c) the right to equality of arms*

*(d) the right to a fair presentation of the evidence*

*(e) the right to cross-examine and*

*(f) the right to reasoned judgement*[9].

Dawn il-prinċipji huma garantiti wkoll fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Fir-referenza kostituzzjonali tal-lum il-Qorti hija msejħa biex tanalizza l-kwistjoni mill-aspett tad-dritt għall-aċċess tal-Qorti u tal-*equality of arms*.

**1) Id-dritt għal aċċess għall-Qrati** jipprevedi opportunita' effettiva liċ-ċittadin li jadixxi quddiemhom sabiex ifittrex rimedju għall-lamenteli tiegħu.

L-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick komplew jgħidu hekk fil-ktieb *Law of the European Convention on Human Rights*[10] -

[9] Clayton R. & Tomlinson H, 2001, Fair Trial Rights, Oxford, pg-88-89

[10] Tieni edizzjoni paġna 238 et seq

*"The right of effective access also supposes that there is a 'coherent system' governing recourse to the courts that is sufficiently certain n its requirements that litigants have 'a clear, practical and effective opportunity' to go to court."*

Naturalment l-aċċess għall-Qorti mhuwhiex assolut u huma permissibbli restrizzjonijiet fl-eżerċizzju ta' dan id-dritt purche' jservu għal għan leġittimu u huma proporzjonati għall-istess limitazzjoni. L-awturi msemmija jgħidu hekk fir-rigward –

*"The right is not an absolute one. Restrictions may be imposed since the right of access 'by its very nature calls for regulation by the state, regulation which may vary in time and place according to the needs and resources of the community and of individuals.' As indicated in Ashingdane v UK, in imposing restrictions, the state is allowed a certain 'margin of appreciation' but any restriction must not be such that 'the very essence of the right is impaired'. In addition, a restriction must have a 'legitimate aim' and comply with the principle of proportionality, ie there must be 'a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved."*

Fil-każ **Emanuel Gauci vs Avukat Ġenerali deċiż fit-12 ta' Mejju 2006** din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk dwar din il-materja in eżami –

*"In effett il-Qorti Ewropeja fil-każ fl-ismijiet* ***Belez and Others v. Czech Republic*** *(12 ta' Novembru 2002) irriteniet –*

*"The Court has already stated on a number of occasions that the right to a fair trial, as guaranteed by Article 6(1) of the Convention, must be construed in the light of the rule of law, one of the fundamental aspects of which is the principle of legal certainty, which requires that all litigants should have an effective legal remedy enabling them to assert their civil rights. ... It further reiterates that*

*the rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the aforementioned principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy. ... A procedural rule has been construed in such a way as to prevent the applicants' action being examined on the merits, with the attendant risk that their right to effective protection would be infringed ... Consequently, the Court finds that in deciding, on the basis of a particularly strict construction of a procedural rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermined the very essence of the applicants' right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6(1) of the Convention. There has therefore been a violation of Article 6(1) of the Convention;"*

*Hu importanti għalhekk li kollox jiġi interpretat fid-dawl tal-prinċipju tar-"rule of law". Fil-proċess penali l-akkużat għandu ikollu rimedju effettiv sabiex jieħu d-drittijiet tiegħu. Huwa għandu ukoll ikollu protezzjoni effettiva tad-drittijiet tiegħu. Aspetti proċedurali huma intizi biss biex tiġi assikurata l-amministrazzjoni ġusta tal-ġustizzja. Għalhekk ir-regoli proċedurali u l-applikazzjoni tagħhom m'għandhomx jipprekludu lill akkużat li l-appell tiegħu jiġi trattat fil-meritu u b'hekk huwa ikollu rimedju effettiv sabiex jiġu salvagwardati d-drittijiet tiegħu;*

*F'dan il-każ jista' jingħad li l-Qorti tal-Appell Kriminali bid-deċiżjoni tagħha li ma tittrattax il-meritu naqset li tissalvagwardja id-drittijiet tar-rikorrenti għal smiegħ xieraq. Il-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni tagħna iridu jiggarantixxu drittijiet li huma prattiċi u effettivi u mhux drittijiet teoretiċi u illużorji;"*

Il-każ ċitat spiċċa wkoll quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju 2006 qalet hekk -

***"11.** Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha mogħtija aktar kmieni din is-sena fil-kawża fl-ismijiet **Patrick Mangion v. Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija** kienet qalet hekk fir-rigward tad-dritt ta' aċċess għal qorti li huwa insitu fl-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament:*

*"Mill-banda l-oħra, l-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament, ukoll invokati mill-appellant, jirreferu b'mod ġenerali għad-dritt ta' smigħ xieraq minn qorti jew tribunal imparzjali w indipendenti, liema dritt jinkludi d-dritt ta' aċċess effettiv għal qorti jew tribunal imparzjali w indipendenti. In fatti, kif ġie ritenut fir-rigward ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:*

***"The Court recalls that Article 6 para 1 embodies the 'right to a court', of which the right of access, that is, the right to institute proceedings before a court in civil matters, constitutes one aspect. However this right is not absolute, but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State. In this respect, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation, although the final decision as to the observance of the Convention's requirements rests with the Court. It must be satisfied that the limitations applied do not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired. Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 para 1 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved…"***

*"Dawn il-prinċipji japplikaw ukoll f'każijiet meta l-liġi domestika, bħal fil-każ ta' l-appellant Mangion, tagħti dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-Qorti tal-*

*Maġistrati li tkun sabet lil dak li jkun ħati ta' reat: dak id-dritt ta' appell (f'dan il-kaz lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali), għalkemm jista' jkun regolat u ristrett, ma jistax ikun regolat u ristrett b'tali mod li jġib fix-xejn id-dritt innifsu, u l-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet irid ikollhom għan leġittimu u jkun hemm proporzjonalita` bejn il-mezz adoperat u l-għan li jkun irid jintlaħaq.........."*

**2. Il-prinċipju tal-*equality of arms*** huwa konsistentement spjegat f'katina ta' ġurisprudenza kemm lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropea. Fil-każ **Kenneth Cassar vs Avukat Ġenerali deċiż fl-1 ta' Lulju 2019** ingħad hekk -

*"Speċifikament dwar equality of arms, il-Qorti tirreferi għal dak illi qalet Karen Reid fir-Raba` Edizzjoni (2011) ta` A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights (Sweet & Maxwell) :-*

*Equality of arms between the parties, or "a fair balance" must be achieved. This means that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions which do not place him at a substantial disadvantage vis-àvis his opponent …*

*The accused, and in civil proceedings the parties, must be able to participate effectively in proceedings …*

*(.......)*

*The proceedings are looked at as a whole and one restriction on the defence may be insufficient to render the proceedings as a whole unfair …*

*Fis-sentenza li tat l-ECtHR fis-26 ta` Lulju 2011 fil-kawża "Huseyn and Others vs Azerbaijan" ingħad hekk :-*

*The issue of the adequacy of the time and facilities afforded to an accused must be assessed in the light of the circumstances of each particular case. …*

*188. The Court reiterates that the principle of equality of arms, as one of the fundamental elements of the broader concept of a fair trial, requires each party to be given a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent (see Nideröst-Huber v. Switzerland, 18 February 1997, § 23, Reports 1997-I). That right means, inter alia, the opportunity for the parties to a trial to present their own legal assessment of the case and to comment on the observations made by the other party, with a view to influencing the court`s decision (see, mutatis mutandis, Lobo Machado v. Portugal, 20 February 1996, § 31, Reports 1996-I, with further references). The requirement of equality of arms, in the sense of a "fair balance" between the parties, applies in principle to both criminal and civil cases ; in criminal cases a lesser degree of latitude is allowed for any deviations from that requirement (see Dombo Beheer B.V. v. the Netherlands, 27 October 1993, §§ 32-33, Series A no. 274). …*

……

*200. In determining whether the proceedings as a whole were fair, regard must also be had to whether the rights of the defence have been respected. It must be examined in particular whether the applicants were given the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and to oppose its use."*

*Fil-kaz ta` "Klimentyev vs Russia" li kienet deciza mill-ECtHR fis-16 ta` Novembru 2006 inghad hekk :-*

*95. The Court recalls that according to the principle of equality of arms, as one of the features of the wider concept of a fair trial, each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place*

*him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent (see e.g. Jespers v. Belgium, no. 8403/78, Commission decision of 15 October 1980, Decisions and Reports (DR) 27, p. 61; Foucher v. France, judgment of 18 March 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997- II, § 34; Bulut v. Austria, judgment of 22 February 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-II, p. 380-381, § 47).*

*Fil-kaz ta` C.B v Austria li kien deciz fl-4 ta` April 2013, lECtHR qalet hekk fil-para 37 tad-decizjoni :-*

*"The Court reiterates that the principle of equality of arms – which is one of the elements of the broader concept of fair trial – requires each party to be given a reasonable opportunity to present his or her case under conditions that do not place him or her at a substantial disadvantage vis-àvis his or her opponent." (see, among other authorities, GB v. France, no.44069/98, ECHR 2001-X)".*

*Fil-kitba "The principle of equality of arms – part of the right to a fair trial", Elisa Toma (Criminal Law Master – Faculty of Law – University of Bucharest) tghid hekk :-*

*1.3. In terms of European law, equality of arms involves giving each part the reasonable possibility to present its cause, in those conditions that will not put this part in disadvantage against its opponent. Therefore, the principle of equality of arms allows penalizing all inequalities in communicating certain documents to part (example: sending only to the prosecutor and not also to the defense the police reports)).*

*1.4. Hence, the parts must have the possibility to present in an equal manner all the evidence they hold. As a consequence, a difference in treatment as far as the witness interrogation is concerned may violate the principle of equality of arms, any disparity in documents communication may be sanctioned in the name of*

*this principle. As well, it is mandatory to respect the principle of equality of arms during the appeals.*

*1.5. The Court affirmed that, as the other guarantees provided by art. 6 par. 1 in the Convention, the principle of equality of arms applies to any proceedings be it contentious or gracious. When it is verified if the principle of equality of arms is respected by the national courts, during a concrete procedure, the Court doesn`t not have as purpose to rule on the case, no matter the object (criminal prosecution or complaint concerning the civil rights and obligations).”*

**Applikazzjoni tal-prinċipji suesposti għall-każ odjern**

Il-Qorti tinnota fl-ewwel lok li l-Avukat Ġenerali jipprova jiġġustifika l-ippromulgar tal-artikolu 460 tal-Kap 12 billi jgħid li ma jistax jiġi pretiż li l-interessi taċ-ċittadin huma l-istess jew ugwali għal dawk tal-Gvern. Dan għax fil-fehma tal-istess Avukat Ġenerali, l-għan aħħari ta' dan l-artikolu "*huwa sabiex jagħti opportunita' lill-Gvern, korp jew persuna b'kariga pubblika li jingħata avviż li persuna beħsiebha tibda proċeduri ġudizzjarji sabiex il-Gvern ikollu żmien joffri rimedju jew soluzzjoni għal vertenza li tkun inqalgħet mal-privat.*[11]"

B'reazzjoni għal dan ir-raġunament il-Qorti tissottolinea li tabbraċċja l-prinċipju ġenerali li l-Istat u ċ-ċittadin mhux neċessarjament dejjem jistgħu jitpoġġew f'keffa waħda għal dawk li huma dmirijiet u drittijiet in kwantu hemm ċirkustanzi li jirrikjedu li l-Istat ikollu ċerti privileġġi inerenti mal-qadi tal-funzjoni tiegħu bħal per eżempju fil-każijiet fejn huwa konċess lill-Gvern diskrezzjoni wiesgħa biex jilleġisla bil-għan li jindirizza l-ħtiġijiet varji tas-

[11] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimat paragrafu 12

soċjeta'. Madankollu din id-diskrezzjoni mhijiex assoluta u l-Istat irid xorta jassikura li t-tħaddim ta' din l-istess diskrezzjoni ikun proporzjonat u jservi għal għan leġittimu u ma jpoġġix liċ-ċittadin f'qagħda sostanzjalment żvantaġġjata meta mqabbla miegħu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm ebda dubju li l-artikolu 460 tal-Kap 12 jimponi regola proċedurali iebsa li n-non osservanza tagħha għandha konsegwenzi fatali fuq id-dritt taċ-ċittadin li jipproċedi b'kawża kontra l-Gvern.

Huwa minnu li l-Qrati tagħna, konxji mill-effetti tan-nuqqas t'osservanza ta' dan l-artikolu fuq il-jeddijiet taċ-ċittadini, ifittxu li jagħtu nterpretazzjoni restrittiva lil dan l-artikolu tal-liġi. Iżda dan ma jneħħi xejn mill-fatt li fl-istess waqt il-Qrati tagħna għandhom ukoll idejhom marbutin fis-sens li –

a) dan l-artikolu huwa applikabbli b'mod tassattiv u lanqas il-persuni li favurihom japplika ma jistgħu jirrinunzjaw ghalih jew ma jinsistux iżjed dwaru;

b) in-nuqqas ta` osservanza tal-provvedimenti ta` l-Art. 460 in kwistjoni mhux talli jġib miegħu l-piena tan-nullita` ta` l-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri, iżda jġib miegħu ukoll in-nullita ta` kull att relattiv u sussegwenti;

c) l-artikolu jikkostitwixxi **<u>privileġġ procedurali a favur il-Gvern biss</u>** u huwa wieħed ta` ordni pubbliku li jista' jitqajjem anke mill-Qorti *ex ufficio;*

d) Id-diċitura stretta tal-artikolu 460 tiddetta b'mod ċar u inekwivoku li nterpellazzjoni b'att ġudizzjarju li mhux ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju ma tissodisfax il-vot tal-liġi u timpedixxi l-bidu ta' azzjoni kontra l-Gvern. Addirittura, il-leġislatur speċifikatament uża kliem bħal "ipprezentat", "jittieħdu jew jinbdew" u "mitlub", li kif stqarru l-Qrati tagħna f'diversi okkażjonijiet, jirriflettu ampjament l-intenzjoni tal-leġislatur li l-kawżi ppreżentati li ma jirrispettawx id-dettami riġidi tal-artikolu in eżami *"jintlaqtu mortalment mill-*

*bidunett"* tant li lanqas biss imisshom jitħallew jitressqu mir-Reġistratur tal-Qrati;

e) Lanqas il-fatt waħdu li tintbagħat ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju kontra l-Gvern entro t-terminu stipulat mhi suffiċjenti biex tkun valida skont l-art 460 stante li kif ikompli jgħid l-istess artikolu, jeħtieġ ukoll li *"l-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b`mod ċar"*. Dan ikompli jżid mal-piż u r-responsabbilta' li għandu jġorr iċ-ċittadin qabel jibda kawża kontra l-Gvern stante li jekk Qorti ssib li talba jew interpellazzjoni fi protest jew ittra uffiċjali ma tfissirx sewwa x`inhu l-ilment u t-talba, għal darb'oħra ċ-ċittadin jerġa' jsib ruħu mċaħħad milli javvanza l-każ tiegħu kontra l-Gvern ġewwa l-Qrati;

f) Kif diġa' ġie dikjarat mill-Qrati f'aktar minn okkażjoni waħda huma limitati ħafna ċ-ċirkustanzi li fihom l-artikolu in eżami jippermetti eċċezzjonijiet għar-regola. Infatti jirriżulta li l-uniċi azzjonijiet kontra l-Gvern li jaqgħu il' barra mill-giljottina tal-artikolu 460 huma dawk li jissemmew b`mod tassattiv fis-subartikolu (2) ta` dak l-artikolu. Mill-bqija, kull azzjoni oħra li mhijiex inkluża fil-lista msemmija taqa` fl-ambitu tas-sub-artikolu (1) u allura neċessarjament trid tintbagħat interpellazzjoni ġudizzjarja permezz ta' ittra uffiċjali jew protest u jridu jiskorru għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew l-awtorità jew persuna msemmija fl-artikolu qabel tinfetaħ kawża kontrihom;

g) Addirittura, kif ikompli jipprovdi s-subartikolu (3) tal-artikolu 460, kawżi kontra l-Gvern li dwarhom ikun hemm fis-seħħ mandat ta' inibizzjoni ukoll igawdu minn vantaġġ proċedurali in kwantu l-leġislatur jimponi li dawn għandhom jinstemgħu mill-Qorti b'urġenza u bi preferenza għal kawżi oħra.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti hija tal-fehma ferma li ċ-ċirkustanzi tal-każ odjern huma tali li aktarx ser iwasslu għall-ksur tad-

drittijiet fundamentali tal-attur kemm minħabba nuqqas t'aċċess effettiv għall-Qorti kif ukoll minħabba *inequality of arms*.

Infatti, għall-Qorti l-attur Mark Formosa diġa' sab ruħu *a priori* żvantaġġjat b'mod sproporzjonat proċeduralment fuq żewġ binarji –

(i) għas-sempliċi fatt li l-kawża li fetaħ hija kontra l-Gvern u mhux kontra ċittadin privat u għalhekk huwa kien kostrett li josserva d-dettami riġidi u rigorużi tal-artikolu 460 tal-Kap 12 kif osservat aktar 'il fuq; u

(ii) għax jekk jinstab li huwa ma jottemprax ruħu ma' dak kollu li jgħid dan il-provvediment tal-liġi ser ikun qed jiffaċċja konsegwenzi fatali għall-każ tiegħu b'dana li jitlef id-dritt li javanza l-każ tiegħu il-Qorti u għalhekk id-dritt sostantiv minnu reklamat jiġi saġrifikat u mxekkel minħabba regola proċedurali.

Għalhekk il-Qorti ssaqsi "fejn hi l-*equality of arms*??". Għall-Qorti **ma hemm ebda ġustifikazzjoni leġittima u proporzjonata għall-fatt li l-Gvern ikkonċeda arbitrarjament, unilateralment u gratuwitament lilu nnifsu dan il-privileġġ proċedurali** bl-iskuża, kif jargumenta l-Avukat Ġenerali, li l-Gvern ikollu żmien biex joffri rimedju jew soluzzjoni għall-kwistjoni li tkun inqalgħet. L-istess argument *se mai* seta' jgħodd ukoll a favur kwistjonijiet li jinqalgħu bejn ċittadini privati fis-sens illi li kieku ċittadin ikun avżat minn qabel b'ittra uffiċjali jew protest anke huwa jkollu l-opportunita' li jasal għal soluzzjoni jew joffri rimedju lill-kontro-parti.

Għalhekk il-Qorti ma tara ebda loġika u ġustifikazzjoni f'dan ir-*raison d'etre* tal-vantaġġ proċedurali mogħti mill-leġislatur lill-Gvern **biss** mill-*punto di vista* ta' *equality of arms*.

Aktar preokkupanti minn hekk hija s-sitwazzjoni partikolari li sab ruħu fiha l-attur Formosa fejn effettivament huwa ottempra ruħu mat-terminu mpost mill-artikolu 460 tal-Kap 12 qabel fetaħ il-kawża Rik 8/18PC kontra l-Gvern tant li

huwa bagħat protest ġudizzjarju lill-partijiet li mbagħad spiċċaw konvenuti fil-kawża. Iżda l-attur xorta huwa rinfaċċjat b'eċċezzjoni preliminari li qed titlob dikjarazzjoni ċara ta' nullita' tar-rikors ġuramentat tal-attur. Dan għax fil-fehma tal-konvenuti rappreżentanti tal-Gvern, il-kontenut tal-protest ġudizzjarju Nru 28/17 ma jirrispettax ir-rekwiżit tal-artikolu in kwistjoni li jesiġi li *"l-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar"*. Jiġifieri bħala fatt, dan ifisser li jekk il-Qorti tal-Maġistrati, fl-applikazzjoni tad-dettami tal-artikolu tal-liġi mpunjat, tasal għall-konklużjoni li l-protest ġudizzjarju imsemmi ma jissodisfax il-vot tal-liġi allura l-kawża tal-attur tiġi stronkata *ab initio* mingħajr ma' l-attur ikollu ċ-ċans javanza aktar 'il quddiem il-każ tiegħu. Tenut kont il-prinċipji ġurisprudenzjali li jirriżultaw dwar l-artikolu 460 tal-Kap 12 hemm probabilta' reali li tista' twassal biex l-attur Fomosa jara l-każ ċivili tiegħu mitfugħ il-barra mill-ewwel sempliċiment għax jista' jinstab li fil-protest ġudizzjarju ma fissirx it-talba tiegħu b'mod ċar biżżejjed. Dan ukoll bi ksur pależi tal-aċċess effettiv tiegħu għall-Qorti peress li minħabba f'hekk ikun ser jitlef iċ-ċans li jipproċedi ulterjorment bil-provi tiegħu dwar il-lamenteli li ressaq fil-kawża ċivili.

Tali probabbli konsegwenzi fil-konfront tal-attur jikkostitwixxu fil-fehma tal-Qorti l-iżvantaġġ spoporzjonat u l-*undue hardship* li l-art 6 (1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni jridu jevitaw meta jiggarantixxu l-protezzjoni għad-dritt t'aċċess għall-Qorti u l-*equality of arms*.

Ta' interess għat-tematika in eżami huwa dak li qal l-Imħallef Mercieca f'deċiżżjoni fl-ismijiet **Paul Gauci vs Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali**[12] fejn l-Qorti għamlet studju erudit dwar l-effett ta' l-atrtikolu n kwistjoni li jgħin għal-iskop ta' din id-deċiżżjoni. Din il-Qorti se tiċċita fit-tul li ntqal:-

[12] Deċiża 9/07/2019: Rikors Gur. 573/2018GM

*"Illi l-Qorti rat id-dibattitu parlamentari meta ġie diskuss l-abbozz ta' liġi li ntroduċa l-Art. 460*[13] *u rriżultalha li tabilħaqq l-iskop tal-leġislatur kien li jagħti l-opportunita` lill-amministrazzjoni pubblika biex terġa' taħsibha jekk tkun ħadet deċiżjoni żbaljata fil-konfront taċ-ċittadin; u b'hekk tiġi evitata li ssir kawża – kif tenniet l-abbli avukat tal-konvenut u wkoll diversi drabi dawn il-Qrati. Għan dan li huwa ċertament leġittimu u li jifforma parti ntegrali min-normi fundamentali tal-ordinament ġuridiku tagħna. Għalhekk ma jistax ma jitqiesx bħala norma ta' ordni pubbliku. B'danakollu din in-norma m'għandhiex tintuża' b'mod assolut u b'mod li turta prinċipji oħra fundamentali tal-ordinament ġuridiku tagħna, fosthom li dawn il-Qrati jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi "**mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ**"*[14] *– ukoll norma pożittiva tal-kodiċi ta' proċedura tagħna - u li n-nullita` - li twassal għall-multiplikazzjoni tal-kawża għalxejn – tiġi evitata. M'hemmx dubbju li l-ħtieġa ta' notifikazzjoni preventiva tpoġġi lill-Gvern f'pożizzjoni vantaġġjuża u pprivileġġjata filwaqt li korrispondentement tpoġġi liċ-ċittadin fi żvantaġġ; u dan meta l-Gvern diġa` huwa ferm ikbar u iktar b'saħħtu miċ-ċittadin. Huwa għalhekk li l-Art. 460 għandu jiġi nterpretat restrittivament – kif filfatt sar f'ċerti każijiet, bħal meta l-Gvern jiġi msejjaħ f'kawża. Sfortunatament il-Qrati tagħna mhux dejjem segwew din il-linja. Għall-kuntrarju, kultant ħadu pożizzjoni estrema, u mhux talli ppronunzjaw in-nullita`, imma wkoll addirittura l-ineżistenza tal-atti ppreżentati mingħajr il-preavviż preventiv, u dan mhux biss fil-konfront tal-amministrazzjoni pubblika, imma wkoll fil-konfront ta' konvenuti privati li jkunu ġew imħarrkin flimkien magħha. Pożizzjoni li Mħallfin oħra m'aċċettawx. Dan apparti li n-nullita` hija odjuża għaliex twassal għall-multiplikazzjoni tal-kawżi – dak li l-leġisatur ried jevita bil-mezz tal-avviż preventiv – u wkoll f'ċerti każijiet – bħal fil-każ preżenti fejn l-azzjoni trid issir qabel ma jgħaddi terminu dekadenzjali – għal telf permanenti ta'dritt sostantiv;*

[13] (Att VIII.1981.6)

[14] Artiklu 742(1) Kap 12

***TALBA GĦAT-TNEĦĦIJA TAL-ART. 460***

*Illi l-Kummissjoni tal-1993 maħtura sabiex tirrakkomanda bidliet estensivi fil-proċedura ċivili, ikkritika bl-aħrax l-Art. 460 u rrakkomandat (mingħajr suċċess) it-tneħħija tiegħu:*

*"The Government in present Maltese procedure is sometimes an unequal litigant. This situation brings about a state of affairs where the concept of parity of arms may not always find uniform application. This in itself may, in certain circumstances lead to a violation of the fair hearing rule constitutionally enshrined…*

*"The Commission felt that this section (460) is liable to give rise to considerable debate and may in specific and particular circumstances operate unfairly to the private litigant. The Commission understands that it is in general desirable that advance notice be given by the parties, whether they be private or public, prior to the commencement of litigation.* ***The provision in the Code however goes much further than that, as it visits the litigant who commences an action against a government authority without giving the prior judicial notice required in the law with the nullity of the act. This draconian measure is unnecessary and in no way helpful to the ultimate resolution of the dispute on the merits…"[15];***

***L-ART. 460 MEQJUS ANAKRONISTIKU***

*Illi f'sentenza riċenti, il-Qorti tal-Appell ħasset li kellha tikkumenta li "* ***Illum, jista' jingħad, li dan il-privileġġ joħloq stat ta' anakroniżmu fil-kuntest tal-ħtieġa li l-partijiet kollha jridu jitpoġġew f'sitwazzjoni identika taħt il-liġi****"[16];*

[15] enfasi miżjuda mill-Qorti. Justice Within a Reasonable Time, November 1993, paġna 32

[16] **Paul Licari v Malta Industrial Parks Limited** 25.11.2016 Qorti tal-Appell (Onor. Silvio Camilleri, Tonio Mallia, Joseph Azzopardi

***L-ART. 460 INTERPRETAT RESTRITTIVAMENT***

*Illi kien f'dan l-ispirtu li uħud mis-sentenzi tal-Qrati tagħna abbandunaw il-pożizzjoni estrema ppronunzjata in re:* **Avukat Dr. Louis Vella et vs Ronald Grech et**[17] *li rriteniet illi: "Minbarra dan, ingħad li, proprju minħabba l-kliem użat fl- artikolu in kwestjoni, n-nullita' li jġib in-nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura li għandha ssir qabel ma jinġieb 'il quddiem l-att hija waħda assoluta li mhix sanabbli tal-proċediment kollu mhux biss fil-konfront tal-Gvern imħarrek imma wkoll, jekk ikun il-każ, fil-konfront tal-imħarrkin l-oħrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistgħux minn jeddhom jinvokaw dak il-privileġġ f'isimhom" u addottat minflok interpretezzjoni stretta, bħall-każ ta'* **Mario Dingli v Il-Kummissarju tal-Artijiet et**[18] *(in-nullita` ma tinfettax lil terzi konvenuti privati); il-każ fejn ġie ppreżentat mandat t'inibizzjoni kontestwalment mal-kawża: "Fil-fehma tal-qorti l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 għandu jiġi nterpretat fis-sens li wara r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, m'hemmx għalfejn li l-Gvern joqgħod jerġa' jiġi notifikat b'ittra uffiċjali jew protest qabel tiġi preżentata l-kawża għall-jedd pretiż"*[19]*;*

***L-ART. 460 GĦADU JISTABBILIXXI NORMA TA' ORDNI PUBBLIKU?***

*Illi m'hemmx dubbju li l-Art. 460 kien u għadu norma ta' ordni pubbliku; u li sfortunatament il-leġislatur iqisu produċenti n-nullita`, għalkemm wasal iż-żmien li din in-norma tiġi ttemperata biex tieħu qies ta' norma oħra, daqstant ieħor ta' ordni pubbliku, tal-ugwaljanza ta' kull litigant quddiem il-Qrati tagħna. L-Art. 460 jista' jkun bi ksur tal-jeddijiet fundamentali.* **Platakou v Greece**[20] *stabbiliet li "where there was a procedural rule that time caesed to*

---

[17] 22.6.1992 Prim'Awla per Imħ. F.G.Camilleri:

[18] Prim'Awla 30 ta' Mejju 2017, per Imħ. J. Zammit McKeon:

[19] **H.P. Cole v Malta Industrial Parks Limited** 28.03.2012 Prim'Awla, per Onor. Imħ. Anthony Ellul)

[20] 11.01.2001 Qorti ta' Strasburgu, kif iċċitata minn Karen Reid**, A Practitioner's Guide to the European Convention of Human Rights**, 5th edition, 2015, paġna 182

*run against the state during a judicial vacation, the Court found that the applicant had suffered inequality of arms since her application, rejected as out of time, would not have been deemed outside the time limit if the same rule had applied to her";*

Ferm il-premess u fid-dawl tas-suespost il-Qorti ssib li d-drittijiet fundamentali tal-attur aktarx ser jiġu miksura u qegħda twieġeb lill-Qorti tal-Maġistrati f'dan is-sens.

Għall-istess raġunijiet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat Ġenerali sejrin jiġi miċħuda.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Avukat Ġenerali;**

**2. Twiegeb għall-kwistjoni kostituzzjonali riferuta lilha mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni Ġenerali) bid-digriet tagħha tat-18 ta' Jannar 2019 billi ssib li għar-raġunijiet kollha msemmija l-art. 460 tal-Kap. 12 jagħti żvantaġġ lill-attur fil-kawża li għandu kontra l-gvern u aktarx jikser l-art 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

**3. Għandha tkun il-Qorti Riferenti li tiżen dawn iċ-ċirkostanzi fl-isfond tal-każ Rik 8/2018 li hemm quddiemha għal fini ta' rimedju;**

**4. Għalhekk tordna lir-Registratur sabiex jirrimanda l-atti lura lill-Qorti Riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista' taqta' u tiddeċiedi l-każ skont dak li ġie deċiż fis-sentenza tal-lum.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**